# Mattia Preti – f'għeluq il-400 sena minn twelidu

Kitba ta' Amanda Bonnici B.A. Hons P.G.C.E History

Mattia Preti twieled fl-24 ta' Frar tal-1613 fil-belt ċkejkna ta' Taverna fil-Kalabrija fl-Italja. Fil-bidu tal-karriera tiegħu hu ħa l-apprentistat flimkien ma' Giovanni Battista Caracciolo li kien influwenzat mill-Caravaggio u kien għalhekk li Preti kellu interess kbir lejn l-istil 'chiaroscuro' tal-Caravaggio. Mattia Preti ħalla patrimonju artistiku kemm f'Ruma kif ukoll f'Napli.

L-edukazzjoni kattolika u fl-istess ħin privileġġjata tiegħu, bla dubju kienet infuwenzatu fil-karriera artistika tiegħu. Għall-ħabta tal-1630 telaq lejn Ruma wara esperjenza qasira f'Napli. Hawnhekk nistgħu ngħidu li beda l-fażi ta' apprendistat fejn fost affarijiet oħra tgħallem sew fit-teknika tal-iskola Caravaġġeska. Bis-saħħa ta' kuntatti kontinwi f'ċirkoli ekklesjastiċi u aristokratiċi, irnexxielu jsir Kavallier tal-Ubbidjenza fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann.



*San Tumas*

Fl-1658 Preti żar Malta għall-ewwel darba. Hu ppropona li jpitter is-saqaf tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann għal promozzjoni fil-Kavallerija tal-Ordni. Fil-fatt hu kien ingħata x-xogħol u lestieh fl-1666. Bosta drabi kienu jsejħulu l-Kavallier Kalabriż propju għaliex il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta kienu ordnawh Kavallier. Għalhekk ukoll żar il-kwartieri tal-Ordni f'pajjiżna fl-1659 fi żmien il-Granmastru De Redin. Huwa qatta' l-kumplament ta' ħajtu hawn Malta, fejn fost l-oħrajn biddel l-intern tal-Konkatidral ta' San Ġwann.

F'pajjiżna hawn ħafna pitturi ta' Mattia Preti f'kollezzjonijiet privati kif ukoll fil-Knejjes, b'mod partikolari pitturi titulari. Xogħlijiet oħrajn tiegħu jinsabu fil-Mużew tal-Arti fil-Belt Valletta. Ir-raħal ta' Siġġiewi diġà kien stabbilit fl-14-il seklu. Fit-30 ta' Diċembru, 1797, wara talba formali minn Don Salvatore Curso, għan-nom tal-parruċċani tiegħu, il-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch istitwixxa l-villaġġ bħala belt, u semmiha għalih, " Citta Ferdinand". Il-pittura titulari fil-knisja hija ta' Mattia Preti, li kien ukoll inkarigat biex ipinġi t-troll tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Ix-Xewkija għandha rabta max-xogħol ta' Preti. Il-pittura prinċipali li tinsab fil-Mużew tal-Knisja hija replika ta' pittura ta' Mattia Preti, ukoll skola ta' dan l-artist. Ġewwa ż-Żurrieq ukoll insibu sitt pitturi ta' Mattia Preti. Insibu wkoll il-kwadru kwadru taċ-Ċaħda ta' San Pietru li jinsab fil-Mużew tal-arti fil-Belt Valletta b'xorti tajba kien għadda lill-poplu Malti minn għand il-familja tas-Sinjuri Borg fis-sena 1974. Dan juri il-figura tal-mara li qiegħdha fuq tal-lemin tal-kwadru fil-mument li qed turi b'subajha lil San Pietru wara li din għarfitu bħala wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù.Mattia Preti huwa meqjus bħala l-aktar artist barrani importanti tal-gżejjer Maltin wara Caravaggio.

Riċentament saret wirja li bdiet fil-mużew ċiviku ta' Taverna u kompliet f'pajjiżna fejn ġew esebiti wkoll xogħlijiet li Preti ħalla bħala patrimonju tal-Maltin.



*Iċ-Ċaħda ta' San Pietru li jinsab fil-mużew tal-Arti fil-Belt Valletta*

Preti għamel ħafna xogħol fil-knejjes Maltin, komunitajiet ekklesjastici u xogħol privat. Hu baqa' jaħdem bla waqfien, anzi xi drabi ħtieġlu l-assistenza ta' aljevi Maltin sabiex ilaħħaq mad-domanda. Mattia Preti miet fit-3 ta' Jannar 1699 u jinsab midfun f'dik li kienet il-Knisja Konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann.